KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħa (4)***

***It-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 4 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| Il-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5pm

**4.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

4.1.1 Il-Vici Sindku Brian Xuereb informa lill-Kunsill li se jkun qed jattendi iktar tard minħabba impenji ta' xogħol.

4.1.2 Il-Kunsilliera Christine Dalli informat li mhux ser tattendi minħabba impenji personali.

4.1.3. Dawn l-apoloġiji imsemmija f'4.1.1 u 4.1.2 ġew approvati unanimament.

**4.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

4.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3 li nżammet nhar il-Ħamis l-1 t'Awwissu 2024.

4.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

4.2.3 **Mozzjoni Numru 4-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 3

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Il-Minuti Numru 3 ġew approvati unanimament.

**4.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena Apr-Ġun 2024**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill b'mod virtwali.*

4.3.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena April sa Ġunju 2024 u l-figuri dokumentati.

4.3.2 Wara l-ispjegazzjoni mgħotija, tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena 2024

**Mozzjoni 4-02**: Proponent: Il-Kunsillier Steven Axisa
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena April - Ġunju 2024 ġie approvat unanimament.

## 4.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

4.4.1 Is-Sindku Karl Boxall ppropona li jsiru xi road humps madwar il-lokal minħabba li kellna t-talbiet għalihom:

(i) Tressqet talba għal *road hump* fis-*service road* (pjanta ppreżentata) fejn min ressaq it-talba informa li ir-residenti ma jsibux oġġezzjoni li titwaħħal quddiemhom. Saret diskussjoni dwar dan fejn il-Kunsillier Stephen Attard ippropona li biex tissolva l-kwistjoni ta' sewqan eċċessiv ta' vetturi li jidħlu mill-Bypass għal ġos-*service road*, tista titwal is-centre strip u l-vetturi jkollhom jidħlu dritt lejn Triq il-Ħareb u jduru mal-blokk. Għladaqstant f'dak il-każ, il-parti tas-service road bejn Triq il-Ħannieqa u Triq il-Ħareb tiġi *one-way* bit-traffiku iddevjat l-isfel, lejn il-ħruġ minn Triq il-Ħareb. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir bi prova u jitwaħħlu t-tabelli kollha biex jindikaw kif ukoll il-bollards f'nofs it-triq. Din il-proposta għandha titressaq ukoll lil TM.

(ii) Tressqet talba sabiex titwaħħal *road hump* fi Triq il-Ġistakor in-naħa ta' ġewwa. Din ir-*road hump* ġiet approvata.

(iii) Tressqet talba oħra biex issir road hump fi Triq San Filippu. Il-Kunsill approva.

(iv) Tressqet talba biex fi Triq Santa Marija jerġgħu jitwaħħlu ir-road humps li kien hemm qabel. Il-Kunsill qabel li nġibu l-approvazzjoni tar-residenti qabel jerġgħu jitwaħħlu.

(v) Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba sabiex l-isqaq fi Triq Santa Marija (Imsemmi Triq Antonio Abdilla) fil-biċċa li tidjieq titwaħħal bollard. Il-Kunsill approva.

4.4.2 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li rċieva kwotazzjoni ġdida għal road humps u bollards u street furniture oħrajn li bħala prezz huma iktar vantaġġjużi minn fejn konna nixtru s'issa.

4.4.3 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li se jixtri 10 pots għal-pjanti biex jiġu mqassma madwar il-lokal. Huwa informa ukoll li s-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said se tkunu qed tissuplixxi l-Kunsill b'għaxar pots oħra.

4.4.4 Is-Sindku Karl Boxall li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa dwar il-Bring-in-sites fil-lokal fejn il-Kunsill huwa obbligat li jkollu żewġ siti għall-użu tal-pubbliku. Il-Kunsill qabel li jressaq talba sabiex titpoġġa Bring-in-site fil-bidu ta' Triq iċ-Ċimiterju li tkun sorveljata bis-CCTV cameras. Il-Kunsill qabel ukoll li wara jressaq talba biex jitpoġġew bins ukoll fiż-żona tal-Housing Estate fejn is-substation.

4.4.5 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li l-kirja tal-garage se tibda minn Ottubru minħabba li l-bieb ta' barra għadu ma twaħħalx. Mal-iffirmar tal-kuntratt il-Kunsill se jkun qiegħed jgħaddi l-pagament dovut u approvat tal-kirja ta' sena lil sid il-garage. Dwar dan il-Kunsill qabel.

4.4.6 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li għat-tiżjin tal-Milied għadu qed jistenna kwotazzjoni filwaqt li l-Għaqda Mużikali San Ġużepp qegħdin jagħmlu disinn.

4.4.7 Is-Sindku Karl Boxall fakkar lill-Kunsill li fil-15 ta' Settembru se ssir l-attivita' tal-Clean Up fiż-żona taż-Żebbuġ fi Triq l-Andar. Huwa insista ma kull membru tal-Kunsill biex dakinhar, fejn possibli, jagħtu s-sehem tagħhom. Fir-rigward, għaddejjin xi diskussjonijiet u jista' jkun li bħala spejjeż dawn jiġu koperti minn Clean Malta. F'każ li ningħataw risposta dwar dan, il-Kunsill għandu jressaq talba lid-Dipartiment biex il-fondi allokati għal Clean Up ta' Triq l-Andar taħt l-iskema SPI/SCI/3/2024: Lokalitajiet aktar nodfa jiġu allokati għal Clean Up ta żona oħra fi Triq il-Qattus. Il-kwotazzjoni għax-xogħlijiet imsemmija tammonta għal madwar €1200. Il-Kunsill approva unanimament

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda Il-Vici Sindku Brian Xuereb (7:00pm)*

## 4.5 <u>Korrispondenza</u>

4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bi żvista l-iSkeda tal-Pagamenti ma tpoġġitx fuq l-Agenda iżda din ġiet preparata u tqassmet ukoll minn qabel għall-attenzjoni tal-Kunsill kollu. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li titressaq il-Mozzjoni.

### A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 04(09) – Lulju 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 04(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11418 sa 11469 kif ukoll cheques bin-numri 7246 u 7247 li jammontaw €67,243.56
**Mozzjoni 4-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 04(09) li jammontaw għal €67,243.56
Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 4(09) ġiet approvata unanimament.

4.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsilli dwar l-allokazzjoni fejn ġejna infurmati li l-Allokazzjoni għal din is-sena mhux se tinbidel u t-tali tibdil se jkun rifless fl-allokazzjoni tas-sena d-dieħla. Il-Kunsilliera jħossu li din hija inġusta u għaldaqstant intalab li din ir-risposta tintbagħat lil kull kunsilliera kollha.

4.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar Fondi għall-infurzar mir-Reġjun. Din l-iskema jista' jibbenefika minnha kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll l-Għaqdiet f'kull lokalita'. It-talba għar-rimbors kienet ta' €700 kull għaqda li issa telgħet għal €1000 kull għaqda. Bħala proċedura se tibqa l-istess, jiġifieri l-Għaqda tissotometti l-fatturi lill-Kunsill Lokali, wara li jiġu approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill jiġu rimborsati mill-Kunsill Lokali u wara ssir it-talba għar-rimbors lir-Reġjun.

4.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand kumpanija li se tkun qed torganizza attivita' ta' festa fi Triq il-Ġistakor. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

4.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar European Week for Waste Reduction Nov'24. F'din l-inizzjattiva l-Kunsilli jridu jipproponu idea sostenibbli kif jista jiġi mnaqqas l-iskart. Jekk il-Kunsill jirbaħ jista' jingħata premju ta' €1000. Għaldaqstant il-Kunsill se jkun qiegħed jara l-ideat li jistgħu jitressqu.

4.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza għal żbir ta' siġar fil-Housing Estate li tammonta għal €649. Il-Kunsill approva.

4.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-Project Green u l-laqgħa li se ssir għada. Is-Sindku Karl Boxall stieden lil min jista' jattendi biex jiġi l-laqgħa sabiex niddiskutu xi punti qabel l-iffirmar tal-MOU, fosthom li minħabba li l-maintenance plan issa intalab għal 5 snin biss, ir-responsabbilita' tal-manutenzjoni wara l-ħames snin se taqa' fuq il-Kunsill Lokali. Fir-rigward is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun diffiċli ħafna li l-Kunsill jieħu din it-tali responsabilita' u mhux se tkun finanzjarjament viabbli, għaldaqstant din is-sitwazzjoni għandha tiġi diskussa ma Project Green. Dwar dan il-Kunsill qabel.

4.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bdil tat-turf tal-ground tal-5-a-side se jibda fl-aħħar ta' dan ix-xahar.

**4.6 <u>Public Works Framework Agreement</u>**

4.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara li sar il-Framework Agreement mal-Public Works, intbagħtet il-Bill of Quantities bir-rati tax-xogħlijiet li jistgħu isiru. Il-Kunsilli Lokali jridu jippreżentaw proġetti sa l-aħħar ta' Ottubru.

4.6.2 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li bħala proġett jista' jitranġa Ġnien 2000 u minħabba li dan jaqa' taħt il-Housing Authority għandna nitolbu l-approvazzjoni tagħhom biex iisir il-manutenzjoni. Dwar dan is-Sindku qal li se jkun qed jiltaqa' mal-Perit. Din il-proposta ġiet approvata fil-prinċipju.

**4.7 <u>Għeluq ta' toroq/ sqaqin bil-bollards</u>**

4.7.1 Is-Sindku Karl Boxall ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill pjanta li tindika l-isqaqin li jistgħu jingħalqu bil-bollards wara li anki ġew ikkonsultati xi residenti.

4.7.2 Is-Sindku Karl Boxall qal li minħabba li għaddejjin ix-xogħlijiet tal-Enemalta fil-Pjazza u t-toroq tal-madwar, ikun aħjar jekk ma jingħalqux fl-immedjat imma nistennew li jitlestew ix-xogħlijiet biex ma noħolqux iktar inkonvenjent. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha preżenti.

**3.7 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

3.7.1 Il-Kunsillier Steven Axisa ppropona li faċċata tal-garaxxijiet li hemm fi Triq Maestro Felix Atanasio jitwaħħlu bollard faċċata tal-blokka tal-garaxxijiet. Il-Kunsill approva b'mod temporanju sakemm isir il-proġett.

3.7.2 Il-Kunsillier Jesmond Manicolo ressaq ilment dwar bankina faċċata tal-Maypole fejn l-istage, li minħabba li hija baxxa qed jgħaddu minn fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li jpoġġi żewġ pots bil-pjanti biex jingħalaq l-aċċess.

3.7.3 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li fejn il-funtana kellu talba biex xi ħadd jagħmel riklam fl-istess żona msemmija f'materja numru 3.7.2 F'każ li naqblu li jsir dan ir-riklam, ikun jista' jintuża biex jagħlaq l-aċċess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-Kunsill għandu fil-ħsieb li jagħmel riklamar tat-triq bi ħlas, għandu jressaq talba biex issir Bye-Law.

3.7.4 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li fi Triq Dun Ġużepp Demicoli suppost ma jgħaddux vetturi kbar imma qegħdin jgħaddu xorta. Is-Sindku Karl Boxall qal li kemm il-darba saru rapporti biex isiru spezzjonijiet dwar dan kemm mill-Community Police u anki mill-LESA.

3.7.5 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li fi Triq Dun Ġużepp Demicoli ukoll ikun hemm tal-ħaxix li qed jokkupa 3 parkings. Is-Sindku qal li dan ilu ħafna jarma hekk u sakemm ma jkunx qed joħloq periklu ma jsibx oġġezzjoni. Dwar dan il-Kunsill qabel.

3.7.6 Il-Kunsillier Steven Axisa ppropona li l-Kunsill jorganizza xi ħarġa għall-ġurnata Għawdex. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li l-Kunsill jista' ukoll jorganizza ħarġa fejn jorganizza xi tombla. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li ma jaqbilx li norganizzaw tombla aħna bħala Kunsill. Jekk sa ssir xi ħarġa għandha ssir li jittieħdu f'post fejn tista' tintlagħab tombla organizzata.

3.7.7 Il-Kunsillier Steven Axisa ppropona li għal Karnival li ġej il-Kunsill jipprova jaħdem iktar fuq il-Karnival tat-Tfal. Huwa ssuġerixxa ukoll li ssir ġabra għall-Puttinu waqt l-attivita' biex inkunu nistgħu ngħinu u nagħmlu ukoll riklam tajjeb tal-attivita'. Dwar dan il-Kunsill qabel.

3.7.8 Il-Kunsillier Jesmond Manicolo ressaq talba għal bozza gdida fi Triq il-Barbazzal u il-Kunsillier Stephen Attard qal li hemm talba għal oħra fi Triq l-Iklin. Il-Kunsill approva.

**3.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

3.8.1 Annessi mal-Minuti

**3.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

3.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 t' Ottubru 2024 fil-5pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 4**

**Mozzjoni Ref:** 4-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard** | **Naomi Mizzi** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 3 ta' Settembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 4**

**Mozzjoni Ref:** 4-02

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvat ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena Apr-Ġunju 2024

| | |
|---|---|
| **Steven Axisa**<br>**Proponent** | **Stephen Attard**<br>**Sekondant** |

**Data:** 3 ta' Settembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 4**

**Mozzjoni Ref:** 4-03

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 04(09)

**Stephen Attard**
**Proponent**

**Jesmond Manicolo**
**Sekondant**

---

**Data:** 3 ta' Settembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**